**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D; Barrister at Law (England & Wales)**

**Avviz Numru: 182/15 NL**

**WDM International Ltd (C-29140)**

**Vs**

**Knight Music (2007) Ltd (C-41101)**

Illum 4 ta' Ottubru 2022

Il-Qorti:

**Premessi**

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici li permezz tieghu tablet li din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' €3,776 rapprezentanti hlasijiet dovuti ghal servizzi ta' auditing rezi lilha. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax legali inkluz dawk ai termini

tal-ARtikolu 26A *et sequitur* tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta sad-data tal-hlas effettiv.

Fir-risposta taghha tal-14 ta' Lulju 2015, is-socjeta' konvenuta eccepiet li t-talba tas-socjeta' attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici; salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Is-socjeta' konvenuta eccepiet ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2149 (c) tal-Kodici Civili b'risposta ulterjuri tat-2 ta' Novembru 2015.

Rat illi s-socjeta' attrici ghalqet il-provi taghha fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 2015 filwaqt li s-socjeta' konvenuta ghalqet il-provi taghha fis-seduta tat-8 ta' Gunju 2016 dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u s-socjeta' attrici temmet il-provi taghha dwar din l-eccezzjoni fid-19 ta' Ottubru 2016.

Rat li l-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenz ghall-5 ta' Lulju 2017 f'liema sentenza gew decizi l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-14 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti kkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni izda rrevokat is-sentenza in kwantu trattat il-mertu u rrinvijata lill-Qorti tal-Magistrati sabiex tkompli tisma l-mertu tal-kawza.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippresjeduta permezz tad-digriet ta' l-1 ta' Jannar 2020 mill-Prim Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi LL.D.

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza u ma jirrizultax illi saret xi talba ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza jew li hemm xi impediment iehor ghall-ghoti tas-sentenza illum;

**Ikkunsidrat**
**Provi**

Fit-28 ta' Ottubru 2015 xehed Dunstan Magro, li kien gja' xehed b'affidavit ezebit a fol. 2 tal-process. Ix-xhud jghid li huwa direttur tas-socjeta' attrici u li l-hlas pretiz huwa ghal servizzi ta' awditjar. Ix-xhud jispjega li l-hlas jikkomprendi audited financial statements bil-prezz ta' €1,600 oltre l-VAT, u cioe' €1,888 kull audited financial statements. Huwa jispjega li dak dovut huwa ghall-istatements tas-snin 2008 u 2009. Jispjega wkoll li skond hu, is-socjeta' konvenuta ma riditx thallas peress li skond hi, kienet ghamlet hlas ta' €10,310 li pero' dawn kienu ghal hlasijiet ta' taxxa. Hu jghid li dawn vera ingabru mis-socjeta' attrici, izda l-flus baqghu kollha sejrin ghall-hlasijiet ta' taxxa. Fil-fatt, ix-xhud jezebixxi tliet ricevuti tal-Inland Revenue Department it-tlieta datati 31 ta' Marzu 2010 fl-ammonti ta' €93.00, €4,839.00 u €5,378 – li flimkien jammontaw proprju ghal €10,310. F'xhieda ulterjuri, Magro jezebixxi wkoll l-ittra ufficjali tat-13 ta' Novembru 2014 li fejn dak iz-zmien, WDM International Ltd kienet qed tippretendi s-somma komplessiva ta' €13,221.39. Qabilha, jidher li WDM International Ltd kienet intavolat ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-6 ta' Gunju 2014. F'dik l-ittra, is-somma pretiza kienet ta' €10,291.80. Is-socjeta' konvenuta kienet wiegbet ghal din l-

ittra u opponiet billi iddikjarat li "l-ammont pretiz mhux dovut stante li kull ammont li seta' kien talvolta dovut gja' thallas".[1]

Fl-affidavit tieghu, imbaghad, **John Bonnici** jghid li huwa kellu arrangement verbali ma' Dunstan Magro li jhallsu €250 fix-xahar ghax-xoghol kollu ta' WDM. Huwa jezebixxi statements li juru proprju pagamenti li jkopru bejn Ottubru 2008 sa Gunju 2011. Biss pero' imbaghad jghid li Magro kien baghatlu kontijiet li skond hu qatt ma kienu ftehmu dwarhom. Dan ix-xhud jikkonferma l-istess haga li jghid ix-xhud l-iehor **Mary Anthony Galea** li min-naha tieghu jghid li anke huwa ftiehem ma' Magro li r-rata tal-*fees* kellha tkun ta' €250 fix-xahar u li fil-fatt kienu qablu mieghu z-zewg diretturi. Galea jispjega li kien jilmenta mix-xoghol ta' WDM u fil-fatt, f'zmien minnhom, kien talabha kemm ser tkun il-VAT return li jmiss, u kienet indikatlu s-somma ta' madwar €2,000. Fil-fatt, ftit taz-zmien wara, ircieva l-kont ta' madwar €5,000. Meta mbaghad mar jilmenta, certa Charmaine kienet gharrfitu li dan kien jinkludi xi xoghol li WDM kienet ghamlet li kienet ghadha ma baghtitx fattura tieghu. Madankollu, xi ftit tal-jiem wara, Galea u Bonnici marru ghand Dunstan Magro li ghaddielhom kont ta' aktar €14,000. Galea u Bonnici ma accettawx din it-talba stante li l-ftehim kien ta' €250 fix-xahar. Ix-xhud Galea kkonferma li matul iz-zmien li huma kienu hadmu bis-socjeta' attrici qatt ma talbuhom aktar minn dak li kienu jhallsuhom – ossija - €250 fix-xahar.

Ix-xhud ikompli jispjega li meta nqalghet din il-kwistjoni, spiccaw irrangaw billi ghamlulu 26 cheque *post-dated* ta' €250 –il wiehed u dan peress li Magro ma riedx jaghtihom il-kotba u l-accounts taghhom, li kellhom bzonnhom biex imorru ghand haddiehor. Huma fil-fatt marru ghand Saviour Desira li qalilhom pero' li kellhom dokumenti importanti neqsi u ma setghax jaghlaq is-sena 2010

---

[1] Fol. 85

minghajrhom. Galea ghalhekk kien jitlob lil Magro u lil Charmaine biex ituh dawn id-dokumenti izda baqghu ma gewx. Dan kien ghall-habta ta' Lulju 2011. Galea jghid li f'Settembru 2012 imbaghad kien telaq mill-kujmpannija izda saz-zmien li kien hemm, qatt ma kienu rcevew la personalment u lanqas fl-ufficju tal-kumpannija xi ittra jew att legali.

Xehed ukoll Saviour Desira li kkonferma li mill-habta ta' nofs is-sena 2011 huwa kien gie inkarigat minn Knight Music (2007) Ltd sabiex jaghmel xoghol ta' book-keeping u accounts tal-kumpannija. Huwa jikkonferma li ma setax jahdem certu xoghol peress li WDM ma kienux ghaddew lil Knight Music id-dokumenti kollha, bhal per ezempju, l-opening balance tas-sena 2011. Desira jikkonferma li John Bonnici kien kellmu dwar il-pretensjoni ta' WDM u kkonferma li huwa nnota li fl-1 ta' Marzu 2011, WDM kellha tiehu biss €48.52 u li mhuwiex minnu li WDM ghamlet xi xoghol ta' book-keeping ghal Knight Music wara nofs l-2011 – dan minkejja li fil-kont ta' WDM kien hemm hwejjeg li jmorru lil hinn mid-data tat-terminazzjoni tal-ingagg taghhom.

Minn emails prezentati minn **Diane Magro Delia**, rapprezentanta ohra ta' WDM, jirrizulta li fil-fatt ma kienx minnu li WDM ma kinitx ghaddiet xi dokumentazzjoni ghall-2010, izda WDM effettivament ma kinitx wettqet parti mill-inkarigu tas-sena 2010, ghax is-servizzi taghha kienu lehqu gew terminati.

Fix-xhieda taghha **Bernardette Bartoli,** li tghid li mhuwiex minnu li l-kuntratt ta' ingagg ta' WDM gie ffirmat f'Awissu jew Settembru 2008, izda f'Gunju 2011. Hi tghid ukoll li WDM bdew jahdmu ghal Knight Music f'Ottubru 2008 u mhux qabel. Tghid li rata stramba li l-agreement ghandu d-data tal-2008 meta kien wasal f'Gunju 2011 u tikkonferma wkoll li d-data miktuba la hija kitba ta' John Bonnici u lanqas ta' Mark Galea.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar jekk l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwiex dovut jew le. Is-socjeta' attrici tghid li s-somma ta' €250 fix-xahar li l-konvenuta kienet thallas kien biss akkont tas-servizzi taghha, imbaghad kienu jiskattaw kalkoli aktar precizi skond il-ftehim ta' bejniethom, li ghalihom kienu jibghatu l-fatturi relattivi.

Il-konvenuta, min-naha l-ohra tghid li l-ftehim taghhom kien dejjem €250 fix-xahar biss, u li s-socjeta' attrici, f'sentejn u nofs, qatt ma tablet mod iehor. Anke meta r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti spiccat, u l-attrici talbet somma lill-konvenuta, dawn qablu fuq 26 pagament ta' €250 –il wiehed (u cioe' €6,500) li minnhom il-konvenuta hallset €4,000. Il-konvenuta tghid li l-ahhar 10 pagamenti (ossija €2,500) ghamlet stop payment minhabba li rrealizzat li certu xoghol is-socjeta' attrici mhux minnu li kienet ghamlitu – b'referenza senjatament ghax-xoghol ghas-sena 2010.

Huwa minnu wkoll kif tghid is-socjeta' konvenuta, li d-direttur tas-socjeta' attrici fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Ottubru 2016, jghid li "*kont accettajt is-somma ta' two hundred and fifty euro bhala pagament biex inkomplu ghaddejjin minkejja li din ma kinitx is-somma pattwita. Pero' din xorta ghandha riflessjoni fuq dak li kien gie deciz fl-engagement letter*". Min-naha l-ohra, is-socjeta' attrici tghid li d-direttur tal-konvenuta, John Bonnici, jikkonferma li huwa kien konxju tal-engagement agreement li, skond il-konvenuta stess, kien ircieva ghall-habta ta' Gunju 2011 – ghalkemm juri d-data ta' Awissu jew Settembru 2008.

Jibqa' l-fatt, pero', li skond il-konvenuta, wara d-divergenza ta' bejn il-partijiet f'nofs is-sena 2011, huma lahqu ftehim fejn il-konvenuta ntrabtet li thallas is-somma ta' €6,500 permezz ta' 26 pagament ta' €250. Dan il-ftehim jidher li gie

raggunt fil-25 ta' Lulju 2011, proprju ftit taz-zmien wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti. Madankollu, mill-kambjali ezebiti mis-socjeta' attrici, jirrizulta li kien hemm 57 kambjala ffirmata fl-ammont ta' €250-il wahda, komplessivament ghalhekk, €14,250.

Ghar-ragunijiet taghha, is-socjeta' attrici ghazlet li ma tipprocedix bl-azzjoni apposita bazata fuq l-ezekuzzjoni ta' dawn il-kambjali, izda minflok li titlob zewg pagamenti ta' zewg audited statements versu l-prezz ta' €1,600 kull wiehed, oltre l-VAT –flimkien €3,776.

F'dan il-kaz, ghalhekk, hemm kunflitt bejn il-posizzjoni tal-attrici u dik tal-konvenuta.

Il-Qrati taghna jghallmu li *"[i]l-konflitti ta' provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi,* ***ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant****"* (**Farrugia vs Farrugia**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966, Vol XXXVI, P.I, p.319). Fis-sentenza **Bugeja vs Falzon et** (hawn fuq imsemmija) il-Qorti tghid li *"[f]il-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi , il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet."* Verament, fil-kawzi civili, (anke kif konfermat fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Farrugia vs Farrugia**),*"mhux kwalunkwe tip ta'*

*konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".* (Ara l-istess principju fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**, PA (TM), 30 ta' Ottubru 2003 u **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe,** PA (PS) 28 ta' April 2003).

Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet. Imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet (**Eucaristo Zammit vs Eustrachio Petrococchino**, Appell Kummerc, 25 ta' Frar 1952; **Paul Vassallo vs Carmelo Pace**, Appell, 5 ta' Marzu 1986). Meta mbaghad dik ic-certezza ma tirrizultax a bazi tal-preponderanza tal-provi migjuba fil-kawza, mel'allura l-gudikant isib ruhu jdejh marbuta li japplika il-principju tal-*in dubio pro reo* u jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Fis-sentenza taghha **Adam Bugeja vs Charles Falzon et** (23.10.2013) il-Qorti tishaq li meta z-zewg verzjonijiet ikunu kapaci jitqiesu ugwalment plawsibbli u veritiera, "*ma jistax jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra*. L-istess japplika f'kaz meta l-Qorti tkun affaccjata b'zewg verzjonijiet li kapaci jitqiesu ugwalment mhux kredibbli. F'tali sitwazzjonijiet "*ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur*" (**Joseph Vincent Rausi noe vs Joseph Muscat**, PA, 22 ta' Novembru 1995; **Enrico Camilleri vs Martis Borg**, App. Inf, (PS), 17 ta' Marzu 2003).

Fid-dawl ta' dawn l-insenjamenti, tajjeb li wiehed jissottolinea li dak li qed teccepixxi l-konvenuta, essenzjalment, huwa l-hlas. Huwa principju stabbilit li jispetta ghal min jeccepixxi l-hlas, li jgib il-prova soddisfacjenti li l-hlas verament sar.

Fis-sentenza **Maria Stella Calleja vs Brian Degiorgio** (deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (MCH) fil-5 ta' Ottubru 2016) jinghad hekk:

> Hu fatt li hemm verzjoni konfilggenti mill-kontendenti jekk il-hlas tad-debitu accetat sehhx jew le. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Mercury Investments Limited vs Roberta Grech** deciza fil-21 ta' April 2016 liema sentenza nisslet il-principju applikabbli f'kaz ta' allegazzjoni ta' kreditu u eccezzjoni ta' hlas:
>
> > *Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju ragonevoli. Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni*[2]*. Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra ma ghandhiex tbati minn tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur*[3]*. Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta' prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, il-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista' toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta' xi wahda mill-ghodda*

[2] Ara, per ezempju, PA NC 28/04/2004 fil-kawza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et**

[3] Ara, per ezempju, PA LFS 18/05/2009 fil-kawza fl-ismijiet **Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd.**

*procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju[4]. Fit-twettiq ta' ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta' gudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[5];*

*Illi tajjeb li wiehed izomm ukoll quddiem ghajnejh li d-difiza tal-imharrka f'din il-kawza tissejjes fuq l-eccezzjoni tal-hlas imwettaq ("exceptio soluti");*

*Illi huwa maghruf li eccezzjoni bhal din hija wahda mit-toroq li bihom iddebitur ta' obbligazzjoni jista' jaghzel biex jehles minn talba tal-kreditur tieghu ghall-hlas ta' obbligazzjoni. Fiha nfisha, dik l-eccezzjoni timplika s-siwi tal-obbligazzjoni (art. 1147(1) tal-Kap. 16) u t-twettiq taghha min-naha taddebitur (art. 1146 tal-Kap. 16). Billi l-hlas huwa wiehed mill-modi maghrufa mil-ligi (art. 1145(a) tal-Kap. 16) kif jintemmu l-obbligazzjonijiet, l-eccezzjoni tal-hlas, jekk tirnexxi, ggib maghha c-cahda tal-pretensjoni tal-kreditur li jibqa' jinsisti ghall-hlas (jigifieri t-twettiq tal-obbligazzjoni).* ***Minhabba f'hekk ukoll – apparti mill-applikazzjoni tal-massima procedurali li min jallega jrid jipprova – meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Biex tali eccezzjoni tilhaq l-ghan taghha, jehtieg ukoll li jintwera li l-hlas ikun sar lil persuna li tassew kienet awtorizzata bil-ligi li tircevih[6];[7]***

[4] App 19/06/2006 fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**
[5] App Inf 09/01/2008 fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et**
[6] PA 14/03/1957 fil-kawza fl-ismijiet **Zammit vs Montanaro Gauci noe et** (Kollez. Vol: XLI.ii.930)
[7] Enfasi ta' din il-Qorti

***Illi meta d-debitur jallega l-hlas, jaqa' fuqu d-dmir li jissoddisfa lill-Qorti li dan kien tassew il-kaz, u ma jkunx l-obbligu tal-kreditur li jipprova l-kuntrarju. Ir-ricevuta hija l-aqwa prova tal-hlas, u fin-nuqqas ta' prova bhal din titnissel il-prezunzjoni li l-hlas ma jkunx tassew sehh. Jezistu modi ohrajn, madankollu, kif jista' jintwera bi prova ohra xierqa li l-kreditu tal-kreditur ikun thallas***[8];[9]

Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza hawn fuq citata[10] dik il-Qorti tghallem hekk:

*16. Għandu jiġi osservat li, skont il-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Fir-rigward tal-materja ta' provi, jingħad ukoll li tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti fil-kawża, kemm fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), kemm fuq il-konvenut in sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretensjonijiet tal-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5. Fil-kors tal-kawża, dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għaliex, kif ingħad, "jista' jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" – (Ara* ***Vol.XXXVII/i/577****, kif ukoll is-sentenza moghtija fit-12 ta' April, 2007, minn din il-Qorti (Sede Inferjuri), fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Tonna v. Philip Azzopardi****). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, tajjeb jingħad li l-ewwel oneru tal-prova kien jispetta lill-attriċi li tipprova l-kreditu tagħha, iżda l-piż tal-prova tal-pagament jaqa' fuq id-debitur li jallegah, f'dan il-każ il-konvenut.*

[8] PA 23/02/1965 fil-kawza fl-ismijiet **Darmanin vs Muscat** (Kollez. Vol: XLIX.ii.776) u App. Civ. 5.10.1998 fil-kawza fl-ismijiet Chetcuti et vs Pearson et noe (Kollez. Vol: LXXXII.ii.317 a fol. 322 - 3)
[9] Enfasi ta' din il-Qorti
[10] Deciza fis-17 ta' Marzu 2022

*17. Inoltre, kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju, 2010, fil-kawża fl-ismijiet* ***Louis Zammit v. Maria Assunta Spiteri****:*

*"Fil-gurisprudenza taghna dejjem gie ritenut li l-prova tal-pagament u/jew ta' l-eccessivita` tal-kreditu reklamat kienu certament jinkombu fuq il-konvenut li jallegahom; min jallega l-pagament ghandu jippruvah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti (****Vol. XLIX P II p 776****). Fid-dubju u fin-nuqqus ta' ricevuta, ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx (****Vol. XXXVII P I p 525****), jekk ma jigix pruvat – kif del resto ma sarx f'dan il-kaz – b'mezzi ohra li l-attur huwa sodisfatt (****Vol. XXXV P III p 604; Desmond Mizzi noe –vs- Patrick Filletti pro et noe****, Appell, 28 ta' Jannar 2000).*

*13. Insibu wkoll li:*

*Essenzjali f'kawzi ta' din ix-xorta hi l-applikazzjoni bil-principju [recte: tal-principju] illi min jallega jrid jipprova. Il-prova incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Fil-kaz taht ezami il-qofol tal-mertu hu l-eccezzjoni talkonvenuti nomine illi huma hallsu dak kollu li kien minnhom dovut. Jeccepixxu allura l-pagament u kien jispetta lilhom li jippruvaw dan b'mod konvincenti u konklussiv."*[11]

*Relevanti wkoll hija l-ġabra ta' ġurisprudenza, fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fit-12 ta' Diċembru 2002, fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Borg nomine v. Norman Buckle nomine et****, ikkonfermata minn din il-Qorti fil-prinċipju li, il-piż tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju għandu jiġi riżolut favur l-attur.*

[11] *Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et noe, Qorti tal-Appell, deciza fil-5 ta' Ottubru 1998*

Applikati l-principji t'hawn fuq ghall-kaz in ezami, din il-Qorti tqis li l-konvenuta ma rnexxiliex iggib prova sufficjenti in sostenn tal-eccezzjoni taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi **tilqa'** t-talbiet tas-socjeta' attrici, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Knight Music (2007) Ltd thallas lis-socjeta' WDM International Ltd is-somma ta' €3,776.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittri ufficjali u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-imghax li ghandu jitqies li beda jiddekorri mid-data tal-ewwel ittra ufficjali ossija mis-6 ta' Gunju 2014.

**Dr. Nadine Lia**
**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**
**Deputat Registratur**